**85. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Illi l-policy dwar it-trasferiment ta' art tal-Gvern għall-għanijiet tal-artikolu 3(1) (b) tal-Att ta' l-1976, kif approvata mill-Kamra fl-4 ta' Awissu, 1976, u kif sussegwentement kienet emendata mill-istess Kamra fit-2 ta' Ġunju, 1981 fil-25 ta' Mejju, 1983 u fit-2 ta' April, 1984 għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) taħt TRASFERIMENT F'TITOLU TA' BEJGĦ

Il-paragrafu 3 għandu jsir 3(a) u jiżdied warajh dan il-paragrafu ġdid 3(b):

3(b) Art tal-Gvern tista' tinbiegħ jekk tikkonsisti f'art li tmiss ma' art oħra ġa żviluppata fejn din l-art isservi għall-espansjoni ta' l-intrapriża ġa eżistenti u b'dan li l-uniku espansjoni ta' din l-intrapriża jista' jsir biss fuq art tal-Gvern, wara li l-applikant jkun jissodisfa lill-Gvern dwar il-benefiċċju li din l-espansjoni tagħti lill-ekonomija tal-pajjiż.

(ii) taħt TRASFERIMENT B'TITOLU TA' ENFITEWSI

Wara l-paragrafu 4(b) għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid 4(ċ):

4(ċ) Jekk tikkonsisti f'art li tmiss ma' art oħra ġa mogħtija b'titolu ta' ċens fejn din l-art isservi għall-espansjoni ta' l-intrapriża ġa eżistenti fuq l-art ġa mogħtija u b'dan l-uniku espansjoni ta' din l-intrapriża jista' jsir biss fuq art tal-Gvern wara li l-applikant ikun issodisfa lill-Gvern dwar il-benefiċċju li din l-espansjoni tagħti lill-ekonomija tal-pajjiż.

22.07.1988